TOR / 22-05-2016 (36C)

# Lejla mużikali mat-tenur Malti Nico Darmanin fil-Kavallier ta' San Ġakbu



**Il-President u Dirattur artistiku ta' Cyprus Academy of music Yiannis Hadjilozou, is-soprano Ċipriotta Aliki Chrysochou, Leonardo, Nico Darmanin, Conway Wigg u Carmelo Bonello**

Membri u ħbieb tal-Gran Kmanderija tal-Kastell, li hi ġurisdizzjoni tal-Ordni Militari u Ospitalliera ta' San Lazzru ta' Ġerusalemm ibbażata l-Mensija, San Ġwann, attendew lejla mużikali mat-tenur Nico Darmanin f'St James Cavalier fil-Belt Valletta.

Akkumpanjat mill-pjanista Taljan Leonardo Barilaro, Nico Darmanin kanta uħud mis-siltiet romantiċi li ntlaqgħu tajjeb mill-udjenza. Is-serata, li ttellgħat bl-appoġġ tal-Palazzo Prince D'Orange (www.palazzo-princemalta.com), li jinsab fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta, intemmet b'riċeviment. Id-dħul mid-donazzjonijiet marru għall-organizzazjoni Women in Need li tgħin lil-lebbrużi fl-Indja.

Il-fond tal-karità tal-Gran Kmanderija tal-Kastell jassisti organizzazzjonijiet speċifiċi lil-lebbrużi fl-Indja u fl-Etjopja, fosthom Women in Need. Għal aktar tagħrif tista' tidħol fuq is-sit http://grandcommanderymalta.org.